MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2579/2002

***Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Giovanni Bonavia abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess***
***Giovanni Bonavia***

***vs***

***David Spiteri***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' tlett mija u sittax-il lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm316.94) rappresentanti danni kollha sofferti mill-attur Giovanni Bonavia assigurat mas-socjeta' attrici u li ghalihom ghamlu tajjeb kwantu ghall-ammont ta' Lm291.94, is-

socjeta’ *Fogg Insurance Agencies Limited*, u kwantu ghall-ammont ta’ Lm25 l-istess Giovanni Bonavia in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ incident stradali li sehh fil-11 ta’ Mejju 2001 ghal habta tal-11:30a.m. gewwa Triq id-Duluri, Hamrun bejn il-vettura misjuqa minn Giovanni Bonavia bin-numru ta’ registrazzjoni JAZ 369 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni LCK 292, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragini, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-19 ta’ April 2002 u l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Andrea Micallef ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine et., li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti, Dokumenti RF1 sa RF6 konsistenti fir-*road accident report*, skizz tal-habta u dokumenti ohra in konnessjoni mal-*quantum* tad-danni.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine et. s-somma ta’ tlett mija u sittax-lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm316.94), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ April 2002 u dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------